MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2014

Numru 471/2013

Il-Pulizija

(Spettur Frank A. Tabone)

vs

**Piu Attard**

iben Laurence, imwieled Victoria, Ghawdex, fit-18 ta' Mejju, 1960, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 32560(G)

Illum, 3 ta' Ottubru, 2014

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Piu Attard quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex):

(1) Talli nhar l-10 ta' Gunju, 2011, fil-Qorti tal-Appell Kriminali f'Ghawdex quddiem l-Prim' Imhallef Dr. Silvio Camilleri LL.D. halef il-falz;

(2) Talli nhar it-8 ta' Frar, 2011, fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali quddiem il-Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D. halef il-falz;

(3) Talli sar recediv b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati tal-Magistrati ta' Malta u ta' Ghawdex liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew mhassra.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tal-imputat barra milli tapplika l-piena li jidhrilha xieraq tapplika wkoll l-artikolu 109 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioé tapplika l-piena tal-interdizzjoni generali, kif ukoll l-interdizzjoni milli l-hati jservi bhala xhud, hlief quddiem il-Qrati tal-Gustizzja, u bhala perit f'kull kaz li jkun ghaz-zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-15 ta' Ottubru, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50 u 105 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat Piu Attard hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u ikkundannatu ghall-perijodu ta' erbatax il-xahar priggunerija.

Illi *in oltre*, il-Qorti ordnat l-interdizzjoni generali tal-imputat Piu Attard kif ukoll l-interdizzjoni milli jservi bhala xhud, hlief quddiem il-Qrati tal-Gustizzja u milli jservi bhala perit ghall-perijodu ta' ghaxar (10) snin.

Rat ir-rikors tal-appellant Piu Attard tat-30 ta' Ottubru, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it-Tlieta, hmistax (15) ta' Ottubru 2013 in kwantu sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet kollha li gew dedotti fil-konfront tieghu u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.

In linea sussidjarja u f'kaz li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li ghandha tikkonferma s-sejbien ta' htija fl-imputat ghar-rigward l-imputazzjonijiet li gew dedotti fil-konfront tieghu, l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena u dan billi timmodifika l-piena inflitta billi tirreduciha, inkluz wkoll billi l-piena karcerarja effettiva tigi mibdula f'ordni jew ordnijiet fit-termini tal-arikolu

7, 11 jew 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll li jigi ridott t-terminu tal-interdizzjoni generali u dan tenut kont tal-fatti tal-kaz kif sottolineati f’dan l-appell.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

(a) Il-*course of conduct* kontemplat fl-imputazzjonijiet kif formolati ma irrizultax waqt is-smigh tal-kaz;

(b) Minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, ma jistax jitqies li ntlahaq il-livell ta’ prova necessarju ghas-sejbien ta’ htija ghall-imputazzjonijiet li gew dedotti fil-konfront tal-appellant u dan peress li d-demarkazzjoni bejn verzjonijiet kontrastanti u spergur hija sottili hafna;

(c) Ma ngabitx prova li effettivament fit-8 ta’ Frar 2011 l-appellant kien inghata l-gurament;

(d) Minghajr pregudizzju ghall-premess, il-piena nflitta kienet wahda eccessiva u fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz kien hemm lok li jigu applikati d-dettami tal-artikolu 446 ta' l-Att dwar il-Probation;

**(a) L-Ewwel Aggravju** – ***Il-Course of Conduct kontemplat fl-Imputazzjonijiet kif formolati ma rrizultax waqt is-smigh tal-kaz***

Minn ezami tal-konsiderazzjonijiet maghmula mill-Ewwel Onorabbli Qorti fil-kaz odjern, il-Qorti qieset li l-appellant kien hati ta’ *judicial perjury* fit-termini tal-artikolu 105 tal-Kapitolu 9 u ghaldaqstant sabet lill-imputat hati tal-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu. L-artikolu 105 jistabilixxi li: *“Kull min jaghti xhieda falza fi proceduri kriminali dwar reat mhux imsemmi fl-ahhar artikolu qabel dan, sew kontra kemm favur il-persuna imputata jew akkuzata, jehel meta jinsab hati, il-piena ta’ prigunerija minn disa’ xhur sa sentejn.”* It-terminu operattiv tal-artikolu jew ahjar l-*actus reus* huwa li wiehed *“**jaghti xhieda falza fi proceduri kriminali dwar reat**”*.

L-appellant odjern qieghed jigi akkuzat li “**halef il-falz.**” Din hija l-akkuza kontemplata taht l-artikolu 108. Difatti l-kliem “halef il-falz” huwa l-kliem operattiv li jintuza fl-artikolu 108(1) tal-Kapitolu 9 li jistabilixxi li: *“Kull minn, f’kull kaz iehor mhux imsemmi fl-artikolu ta’ qabel ta’ dan is-sub-titolu, jahlef il-falz quddiem imhallef, magistrat jew quddiem ufficjal iehor li jkollu s-setgha b’ligi li jaghti l-gurament, jehel, meta jinsab hati . . . . .”*. Dan huwa

l-artikolu li jirregola dak li huwa komunement maghruf bhala l-e*xtra-judicial perjury*. **Huwa car ghalhekk li l-appellant gie akkuzat taht l-artikolu 108 u mhux l-artikolu 105.** L-akkuza kif formulata ma taghmilx riferenza ghall-fatt li x-xhieda falza nghatat fil-kors ta' proceduri kriminali partikolari izda li inghatat quddiem Magistrat u Imhallef. It-tezi li l-appellant gie akkuzat taht l-artikolu 108 hija wkoll konfermata wkoll min-notament tal-Ufficjal Prosekutur a *fol. 2* tal-process, li huwa parti essenzjali mill-akkuzi li gew konfermati bil-gurament mill-istess Ufficjal Prosekutur. Ir-riferenza fin-notament hija ghall-artikolu 108(1)(a) u mhux ghall-artikolu 105. Dan mhux il-kaz fejn sempliciment ir-riferenza jew in-numru tal-artikolu tal-ligi rilevanti gie kkwotat hazin; izda hu kaz fejn effettivament inhargu imputazzjonijiet taht l-artikolu 108 meta l-fatti allegatament addebitati lill-appellant ma jaqghux taht il-kappa tal-artikolu 108 u lanqas huma komprizi u involuti fl-artikolu 108.

Jekk wiehed jaghmel riferenza ghall-kawza ***Il-Pulizija vs Louis Attard*** (Kawza Numru 90/2011) liema kawza instemghet kontestwalment ma' din il-kawza u fejn ir-reat allegatament addebitat lil Louis Attard kien ir-reat ta' spergur kriminali in segwitu ghax-xhieda li Louis Attard kien ta fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Piju Attard*** (Kaz Numru 83/2011) deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-13 ta' Lulju 2010, l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' Louis Attard mill-istess Ufficjal Prosekutur gew formolati b'mod differenti kompletament: *"talli nhar l-10 ta' Gunju 2011 fil-Qorti tal-Appell Kriminali f'Ghawdex quddiem l-Prim Imhallef Dr. Silvio Camilleri LL.D" ta xhieda falza sew kontra jew favur il-persuna imputata jew akkuzata;"* u *"talli nhar it-8 ta' Frar 2011, fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali quddiem il-Magistrat Dr Edwina Grima ta xhieda falza, sew kontra jew favur il-persuna imputata jew akkuzata."* Kopja tat-tahrika mahruga kontra Louis Attard qeghda tigi annessa u markata bhala **Dokument JPG 1**. In oltre fin-notamenti tal-istess ufficjal prosekutur a fol. 2[1] tal-process ***Il-Pulizija vs Louis Attard***, ir-riferenza hija ghall-artikolu 105 tal-Kap. 9 u mhux ghall-artikolu 108(1).

Kif anke irritenew il-Qrati taghna, l-artikolu 104 u 105 tal-Kodici Kriminali japplikaw wkoll ghall-kazijiet fejn il-persuna li taghti xhieda falza hija l-imputat f'dawk il-proceduri. Ir-riferenza hawnhekk hija ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Wigi Attard**[2]**.** Il-Qorti tal-Appell ghamlitha cara li d-disposizzjoni tal-ligi li tirrendi hati

[1] Kopja ta' Fol. 2 tal-process hija inkluza fid-Dokument JPG 1.

[2] Deciza fil-25 ta' April 1953 per l-Imhallef William Harding.

ta' spergur lil min jaghti xhieda falza fi proceduri kriminali, sew kontra kemm favur l-imputat, hija applikabbli anke ghall-kaz ta' min ikun xehed il-falz f'kawza kriminali fejn kien imputat huwa stess. Ghalhekk zgur li mhux il-kaz li l-akkuza ta' spergur f'kawza kriminali kommess minn imputat huwa kontemplat minn xi artikolu differenti (ghajr l-artikolu 104 jew 105) jew inkella li jista' jigi uzat kliem differenti minn dak uzat fl-artikolu 104 jew 105 biex tigi formulata akkuza ta' spergur f'kawza kriminali.

Gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna taghmilha cara li l-artikolu 104 u 105 min-naha 'l wahda u l-artikolu 108 min-naha l-ohra huma artikoli distinti minn xulxin u li jirregolaw akkuzi kompletament differenti. Anke f'dak li jirrigwarda l-gravita` tar-reat, il-Qrati taghna attribwewlhom livelli differenti ta' gravita. L-appellant jaghmel riferenza ghall-ispjegazzjoni li taghti l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spettur Neil Harrison) vs Marzouki Hachemi Beya Bent Adbellatif***:

*"F'dan l-istadju ta' din is-sentenza, ghandu jigi rilevat li r-reat kontemplat fl-Artikolu 104 (1) tal-Kodici Kriminali, u anke dak fl-Artikolu 105, hu dak ta' spergur (falza testimonjanza), filwaqt li r-reat kontemplat fl-Artikolu 108 (1) tal-Kodici Kriminali hu dak ta'gurament falz biss. L-ewwel reat imsemmi hu komunement imsejjah "legal perjury" jew "false testimony", filwaqt li r-reat l-iehor jissejjah "extra-judicial perjury" jew "false swearing". Fil-fatt, kif gie ritenut u hu accettat, tezisti distinzjoni bejn dawn iz-zewg reati. Bazikament, id-differenza hi li min jixhed falz waqt kawza (ai termini ta' l-Artikoli 104{1} u 105) ma jitqiesx mil-ligi li dak l-agir tieghu jikkostitwixxi biss 'gurament falz', sic et simpliciter, izda jikkostitwixxi 'spergur', cioe', falza testimonjanza; mentre min jiehu gurament falz f'dawk l-okkazzjonijiet l-ohra li mhumiex waqt kawza (ai termini ta' l-Artikolu 108 {1} tal-Kap.9), hemm ikun qed jiehu gurament falz, izda ma jkunx qed jikkommetti d-delitt aktar serju ta' spergur fi-kontest ta' l-imsemmija Artikoli 104 (1) u 105."*[3]

Ghalhekk kien essenzjali u fundamentali ghall-process kriminali li l-impostazzjoni tal-imputazzjonijiet fil-konfront tal-appellant jkunu cari u inekwivoci. Hawnhekk ma kienx kaz

[3] Appell Numru 128/2001 – deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali per l-Imhallef Dr Patrick Vella fit-22 ta' Ottubru 2001

fejn l-artikoli li fuqhom kellha tigi ezaminata l-htija o meno tal-appellant gew indikati mill-Avukat Generali. Li kieku kien hekk l-impostazzjoni tal-imputazzjonijiet kienet *se mai* tkun ta' importanza sekondarja stante li s-sejbien ta' htija o meno kienu jiddependu mill-artikoli citati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu.

La darba ghalhekk l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-appellant kienu qeghdin jirreferu ghal *course of conduct* kontemplat taht l-artikolu 108 u dan il-course of conduct ma irrizultax, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt issib htija taht l-artikolu 105.

Huwa principju fundamentali li gie ribadit mill-Qrati taghna diversi drabi li persuna ma tistax tigi misjuba hatja ta' reat li ma jirrizultax mill-akkuzi, sakemm dak ir-reat ma jkunx kompriz u involut fir-reat addebitat lill-imputat. L-esponenti jaghmel riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet: ***Il-Pulizija vs Rocco Abdilla et***.[4] B'riferenza ghall-kwistjoni sollevata mid-difiza dwar jekk kienx ammissibbli li l-Qorti tiehu konjizzjoni ta' imputazzjoni diversa minn dik indikata, il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet irriteniet li: *"jekk ic-citazzjoni tigi korretta, allura l-imputat jinstab hati anki ta' reat aktar gravi nwovament dedott bil-korrezzjoni . . . ; jekk invece c-citazzjoni ma tigix korretta, allura l-imputat ma jistax jigi misjub hati ta' reat aktar gravi, imma jista' jigi misjub hati ta' reat anqas gravi,* ***purche kompriz u involut fl-imputazzjoni originali mhux korretta****."* (Enfazi tal-esponenti)

Ir-reat kontemplat taht l-artikolu 108 ma jistax jitqies li qieghed jikkomprendi dak kontemplat fl-artikoli 104 u 105 u dan ghas-segwenti ragunijiet:

(i) Tezisti distinzjoni netta bejn iz-zewg reati skont kif anke konfermat minn sentenzi tal-Qrati taghna fosthom is-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spettur Neil Harrison) vs Marzouki Hachemi Beya Bent Adbellatif*** citata supra;
(ii) Il-pieni stabbiliti ghar-reati taht l-artikolu 104 u 105 huma aktar severi minn dawk kontemplati fl-artikolu 108; u
(iii) d-dicitura tal-istess artikolu 108 qed teskludi kompletament is-sitwazzjonijiet kontemplati fl-artikoli 104 u 105: *"Kull min, f'kull kaz iehor mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel dan ta' dan is-sub-titolu . . ."*

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' April 1962, per l-Imhallef Dr William Harding

Altru ghalhekk li fit-termini tal-akkuza kif formulata ma setghetx tinstab htija fl-appellant.

***(b) It-Tieni Aggravju – Ma Jistax Jitqies li Intlahaq il-livell ta' prova necessarju ghas-sejbien ta' htija ghall-imputazzjonijiet dedotti***

Sussidjarjament u minghajr pregudizzju, it-tieni aggravju huwa li ma jistax jitqies li ntlahaq il-livell ta' prova necessarju ghas-sejbien ta' htija ghall-imputazzjonijiet dedotti. Mhux l-ewwel darba li l-Qrati taghna sia dawk Civili kif wkoll Kriminali jkunu rinfaccjati b'dikjarazzjonijiet kontrastanti ghal xulxin bil-partijiet f'kawza hafna drabi jispiccaw jaghtu verzjonijiet kompletament differenti tal-istess fatt jew akkadut. Fil-kamp kriminali, il-konflitt tal-provi jista' jwassal ukoll sabiex iqanqal dubju dettat mir-raguni u b'hekk jiskolpa l-imputat. Huwa sottomess li l-linja li timmarka d-differenza bejn il-kunflitt tal-provi u l-ispergur hija linja sottili hafna; is-sitwazzjoni tkompli tikkomplika aktar ruhha jekk il-verzjonijiet kontrastanti ma jkunux sorretti minn fatti jew elementi tangibbli li jattribwixxu certezza lill-verzjoni wahda ad eskluzjoni tal-ohra. Mhux necessarjament ghalhekk li fejn ikollok konflitt tal-provi, xi hadd mill-partijiet ikun bil-fors irrenda ruhu hati ta' spergur ghax jista' jkun li l-livell ta' prova rikjest ma jintlahaqx. Il-konflitt tal-provi jista' jwassal biex il-verzjoni ta' xhud tigi dikajrata naffidabbli; pero` b'daqshekk ma ghandux jfisser li dak il-persuna jkun ta xhieda falza.

L-appellant jaghmel riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs William Portelli**[5]. F'din il-kawza l-Qorti semghet verzjonijiet kompletament kontrastanti dwar incident li sehh bejn zewgt ahwa f'ghalqa fil-limiti tan-Nadur.[6] L-imputat ghazel li jixhed f'dawk il-proceduri u x-xhieda tieghu kienet l-oppost ta' dak li xehed huh il-*parte civile* rigward l-incident li nqala' bejniethom. Il-verzjoni tal-*parte civile* kienet korraborata minn xhud iehor, iben l-istess *parte civile*. Ghalkemm rinfaccjata b'tali verzjonijiet kontrastanti l-Qorti xorta sabet lill-imputat hati tal-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu. Madanakollu minkejja s-sejbien ta' htija fl-imputat u l-verzjonijiet kontrastanti xorta ma kien hemm l-ebda ordni mill-Qorti biex isiru nvestigazzjonijiet fil-konfront tal-imputat rigward spergur f'kawza kriminali. Dan il-kaz ikompli jikkonferma kemm il-linja ta' demarkazzjoni bejn il-konflitt

[5] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-23 ta' April 2013

[6] Riferenza ghal dan il-kaz saret wkoll waqt it-trattazzjoni fil-kawza odjern li saret fit-30 ta' April 2013

tal-provi u spergur hija ambigwa hafna u fin-nuqqas ta' elementi tangibbli, id-dubju dwar jekk verament kienx hemm spergur jew le ghandu jmur favur l-akkuzat.

Il-kawza fejn l-appellant qieghed jigi allegat li "halef il-falz" kienet karatterizzata minn zewg verzjonijiet kontrastanti dwar dak li sehh fil-hamsa (5) ta' Lulju 2010 u cioe` dwar jekk effettivament Piu Attard kienx qieghed isuq it-trakk meta huwa kellu l-licenzja sospiza. Fuq naha ghandna l-verzjoni provduta minn PS 1424 Mario Sciberras u PC 1046 Joseph Parnis u fuq in-naha l-ohra hemm dik provduta minn Piju Attard u korraborata minn Louis Attard. Sabiex il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u l-Qorti tal-Appell Kriminali sabu htija fl-appellant ghall-fatt li huwa kien qieghed isuq meta kellu l-licenzja tieghu sospiza, iz-zewg Qrati ghamlu apprezzament tal-kredibbilita` tax-xhieda tal-ufficjali tal-Pulizija u l-appellant u ix-xhud tieghu Louis Attard. L-istess Qrati ghazlu li jattribwixxu verosimiljanza ghal dak li xehdu l-ufficjali tal-Pulizija. Madanakollu ma kienx hemm xi fatti empirici jew oggettivi, elementi cirkostanzjali jew inkella xi xhud iehor estranjeu li kkorrabora l-verzjoni li taw l-Pulizija u li wasslu ghalhekk lill-Qorti sabiex taghti aktar komfort lill-verzjoni tal-Ufficjali tal-Pulizija u tiskarta kompletament dak li xehed l-appellant u l-istess Louis Attard.

Ghalkemm l-attribuzzjoni ta' kredibbilita` ghall-verzjoni partikolari setghet twassal lill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) u l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz numru 83/2011 sabiex issib lill-appellant hati li kien qieghed isuq vettura meta kellu l-licenzja sospiza, zgur li mhux sufficjenti sabiex ikun hemm dikjarazzjoni ta' htija ta' spergur fil-konfront tal-istess appellant fin-nuqqas ta' elementi tangibbli li jasserixxu b'certezza li dak li xehed l-appellant kien falz. Dan huwa verament essenzjali tenut kont tan-natura serja tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tal-appellant. Il-fatt li l-verzjonijiet moghtija minn Piu Attard u Louis Attard fix-xhieda taghhom quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) u l-Qorti tal-Appell Kriminali u anke fl-istqarrija li huma rrilaxxaw lill-Pulizija kienu identici aktar jkompli jqajjem dubju dwar jekk verament jistax jitqies li ntlahaq il-livell ta' prova rikjest fi proceduri kriminali biex ikun hemm kundanna li l-appellant ikkommetta spergur.

***(c) It-Tielet Aggravju – In-Nuqqas ta' Prova li Effettivament Inghata l-Gurament***

Wiehed mill-elementi kostituttivi tar-reat ta' spergur identifikati mill-Professur Mamo huwa: *"an oath lawfully administered by the competent authority."* Ghalkemm mill-atti

processwali rrizulta li waqt ix-xhieda moghtija mill-appellant quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, l-appellant kien effettivament inghata l-gurament – dan il-fatt jirrizulta mit-traskrizzjoni tax-xhieda li saret – mhux l-istess jista' jinghad ghall-proceduri kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Il-Prosekuzzjoni naqset li iggib prova cara u inekwivoka li fit-tmienja (8) ta' Frar 2011 l-appellant kien effettivament inghata l-gurament. Filwaqt li quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, precizament fit-traskrizzjoni tax-xhieda hemm indikat li: *"L-imputat Piu Attard minn jeddu, bil-Malti bil-gurament jghid"*, il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Frar 2011 (li huwa l-uniku dokumentazzjoni li hemm dwar x' gara dakinhar tas-seduta) qieghed jindika biss li xehed Piu Attard. Ma hemmx indikazzjoni cara u inekwivoka li effettivament Piu Attard kien inghata l-gurament. Fin-nuqqas ta' tali prova, din l-Onorabbli Qorti ma tistax tippresumi dwar x'seta gara jew ma garax quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fis-seduta tat-8 ta' Frar 2011. Kif irriteniet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Taddeo Borg***[7], *"il-Qorti ma tistax' timla' l-vojt fil-provi li imbaghad jirrizulta b'kongetturi u spekulazzjoni da parti taghha."*

***(d) Ir-Raba' Aggravju – L-Eccessivita` tal-Piena Inflitta***

Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ir-raba' aggravju huwa dak dwar l-eccessivita` tal-piena. Anke jekk din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li ghandha tikkonferma s-sejbien ta' htija ghar-rigward l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tal-appellant, huwa umilment sottomess li l-piena inflitta kienet wahda eccessiva.

Huwa minnu li fit-termini tal-artikolu 28A(7)(b) tal-Kapitolu 9 ma setghetx tinghata sentenza ta' prigunerija sospiza minhabba l-addebita tar-recidiva; min-naha l-ohra pero` huwa umilment sottomess li l-Ewwel Qorti setghet timponi ordni ta' *probation* fit-termini tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446, jew ordni ta' servizz fil-komunita` fit-termini tal-artikolu 11 tal-Kapitolu 446 jew inkella ordni ta' probation u servizz fit-termini tal-artikolu 18 tal-istess Kapitolu 446. Fis-sentenza taghha l-Ewwel Onorabbli Qorti leggerment skartat din il-possibilita` ta' piena minghajr ma qieset sew ic-cirkostanzi ghalfejn tali possibilita` kellha tigi injorata. Il-fatt li jigu applikati l-artikoli tal-Kapitolu 446 ma jnaqqas xejn mis-serjeta` tal-htija tal-imputat; anzi jghinu lill-hati biex bl-ghajnuna u bis-supervizjoni ta' ufficjal tal-

[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-14 ta' Jannar 2011

probation huwa jirrikonoxxi l-entita` tal-izball li huwa jkun ghamel u jirrijabilita ruhu biex ma jergax jirrepeti dak li jkun ghamel bi ksur tal-ligi penali. Huwa sottomess ukoll li anke t-terminu ta’ interdizzjoni generali huwa ezagerat u ghandu jkun hemm ukoll temperament fit-terminu ta’ interdizzjoni generali.

Huwa minnu li fil-konfront tal-appellant hemm l-addebita tar-recidiva. Pero` jekk wiehed jezamina l-hames sentenzi li gew esebiti mill-Prosekuzzjoni, jirrizulta li tlieta mill-hames sentenzi jirrigwardaw akkuzi relatati ma’ VAT. Iz-zewg sentenzi l-ohra huma konnessi mal-kaz odjern: wahda tirrelata ghall-kaz ta’ meta l-appellant saq trakk minghajr polza ta’ assikurazzjoni u meta l-licenzja tat-trakk ma kinitx imgedda, liema kaz wassal ghall-iskwalifika tal-licenzja. Il-kaz l-iehor jirreferi ghal meta l-appellant saq vettura meta kellu l-licenzja tieghu skwalifikata, fl-liema kaz l-appellant kien ta x-xhieda tieghu u ittiehdu l-proceduri odjerni. Ghalkemm xorta jammontaw ghal ksur tal-ligi, fl-umli fehma tal-esponenti n-natura tal-istess reati li wasslu sabiex l-akkuza tar-recediva giet ippruvata ma kinux jimmeritaw li tigi eliminata ghal kollox l-applikazzjoni tal-istess Kapitolu 446 fil-kaz odjern.

L-appellant jissenjala wkoll li fil-mori tad-differiment ghall-ghoti ta’ sentenza huwa kellu habta u sabta jaghmel operazzjoni serja f’qalbu, liema operazzjoni saret fis-sbatax (17) ta’ Settembru 2013 u dan skont ma jikkonferma c-certifikat tal-ispecjalista li operah u li qieghed jigi anness bhala **Dokument JPG 2** ma’ dan l-appell. Huwa umilment sottomess li sentenza effettiva ta’ prigunerija fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz mhux sejra tkun opportuna.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda l-fatt li 'l-course of conduct' kontemplat fl-imputazzjonijiet kif formulati ma rrizultax waqt is-smiegh tal-kaz. Hawnhekk, l-appellant qed isostni li l-Qorti kellha quddiemha l-akkuza kif ikkontemplata fl-artikolu 108 tal-Kodici

Kriminali. Hu jsostni li fil-kaz odjern l-ewwel Qorti applikat erroneament l-artikolu 105 tal-Kodici Kriminali. It-tezi tal-appellant tinbed minn zewg fatturi. L-ewwel wiehed hu li fit-tieni pagna tal-akkuza hemm indikat l-artikolu 108(1)(a) tal-Kodici Kriminali. It-tieni fattur hu li l-akkuza kif redatta bil-kliem 'halef falz' qatt ma tista' twassal ghal sejbien ta' htija taht l-artikolu 105 tal-Kodici Kriminali kif enunzjat l-ewwel Qorti. Ghandu jigi rilevat li l-appellant gie mressaq il-Qorti permezz ta' citazzjoni u l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja. Hu fatt stabilit fl-ordinament taghna li c-citazzjoni hija ordni biex tidher quddiem il-Qorti. L-elementi ewlenin fi tfassil ta' citazzjoni hu li l-persuna mitluba li tidher l-Qorti trid tkun taf 'l ghaliex ghandha tidher quddiem il-Qorti. Dan ifisser li c-citazzjoni jrid ikollha certi elementi bazi li minghajrhom ma tkunx valida. Ic-citazzjoni jrid ikollha d-data tal-allegat incident, kif ukoll l-incident stess irid ikun car biex il-persuna li tircievi c-citazzjoni, l-akkuzat, jaf ghal xhiex irid iwiegeb. Ic-citazzjoni dejjem giet deskritta bhala 'un avviso a comparire'. Ma hemm ebda obbligu li l-artikolu tal-ligi jigi ndikat fl-istess. Fic-citazzjoni odjerna hu veru li l-prosekuzzjoni ndikat l-artikolu tal-ligi hawn fuq imsemmi. Il-prassi u mhiex kwistjoni ta' obbligu hi li min jirredigi c-citazzjoni hafna drabi, u mhux dejjem, jindika l-artikolu tal-ligi biex jaghmilha aktar semplici ghal kulhadd biex ikun jaf fejn qieghed. B'danakollu l-Qorti mhiex marbuta li toqghod ma l-artikolu tal-ligi ndikat. Dan isir l-aktar frekwenti fil-kawzi, hekk imsejha, tad-distrett fejn il-prosekuzzjoni biex tghin lill-Magistrat biex is-smiegh tal-kawzi jkun aktar mghaggel tindika l-artikolu tal-ligi li hi tahseb li jkun jolqot dak il-kaz. Ghalhekk, il-fatt li fit-tieni pagna tac-citazzjoni hemm l-indikazzjoni tal-artikolu tal-ligi ma jgib ebda pregudizzju lill-persuna akkuzata. Hi biss indikazzjoni ntiza biex tiffacilita x-xoghol gudizzjarju. Min-naha l-ohra meta l-Avukat Generali jindika l-artikolu tal-ligi li ghalih irid jirrispondi l-akkuzat, dan il-fatt mhux indikazzjoni izda jekk l-Avukat Generali jizbalja l-artikolu tal-ligi dan iwasal ghal konsegwenzi fejn jista' jigi effettwat l-andament tal-kawza. Ghalhekk, l-argument tal-appellant ma jistax jigi milqugh. It-tieni parti tal-ewwel aggravju tal-appellant hu li l-kliem fic-citazzjoni jipprospettaw l-artikolu 108 tal-Kodici Kriminali u mhux l-artikolu 105 tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk, l-ewwel Qorti ma kinitx korretta meta sabet lill-appellant hati taht l-artikolu 105. Mhemmx dubju li l-akkuza ma gietx redatta fl-ahjar mod u fil-fatt tista' tohloq dubju ragonevoli. Min-naha l-ohra ghalkemm l-uzu tal-kliem 'halef falz' mhiex idejali, l-akkuza ghandha tinqara fit-totalita' taghha. X'johrog minn dan l-ezercizzju? Johrog li l-appellant halef falz quddiem zewg Qrati fis-smiegh ta' l-istess. Dan ifisser li hu halef il-falz meta hu ta x-xhieda tieghu quddiem Qorti fi proceduri kriminali. Dawn il-proceduri kriminali kienu s-smiegh ta' kawza fejn l-appellant kien akkuzat u kien qed jiddefendi ruhu

bix-xhieda li hu ta quddiem iz-zewg Qrati ndikati fic-citazzjoni meritu ta' dan il-kaz. Ghal dawn ir-ragunijiet l-ewwel aggravju tal-appellant fl-intier tieghu ma jistax jirnexxi.

Illi t-tieni aggravju tal-appellant hu li ma jistax jitqies li ntlahaq il-livell ta' prova necessarju ghas-sejbien ta' htija ghall-imputazzjonijiet dedotti. L-ewwel Qorti kellha l-opportunita' li tivvaluta l-kwalita' tax-xhieda moghtija quddiemha. Hi tista' temmen lill-parti u mhux lill-ohra. Tista' tiddikjara li fil-fehma taghha hemm konflitt ta' provi izda min-naha l-ohra hi hielsa li temmen lill-parti a skapitu tal-ohra. Din il-Qorti wkoll fliet bir-reqqa l-provi prodotti fl-intier ta' dan il-kaz u taqbel perfettament mal-konkluzjonijiet milhuqa mill-ewwel Qorti. L-ewwel Qorti la kienet kapriccuza fil-konkluzjonijiet taghha, wisq anqas leggera fil-konkluzjonijiet taghha b'sentenza ben motivata u preciza. Ghalhekk, dan l-aggravju ma jistax jigi milqugh.

Illi t-tielet aggravju tal-appellant hu n-nuqqas ta' prova li effettivament inghata l-gurament. L-appellant jammetti li l-gurament gie somministrat mill-Qorti tal-Appell izda qed iqanqal dubju li ma garax l-istess quddiem l-ewwel Qorti li semghet il-kaz originarjament. Frankament, din il-Qorti tinsab perplessa b'dan ir-ragunament ghaliex jekk dan kien il-kaz, kien l-obbligu tal-appellant li jqajjem dan il-punt quddiem il-Qorti tal-Appell, diversament presjeduta, li semghet il-kaz li ta bidu ghal dawn il-proceduri. Ghalhekk, dan l-aggravju ma jistax jigi milqugh.

Illi r-raba' aggravju hu li l-piena erogata mill-ewwel Qorti kienet wahda eccessiva. Din il-Qorti ftit ghandha xi tghid dwar dan l-aggravju. L-ewwel Qorti kienet korretta izda hemm lok li l-piena nflitta tigi mitigata bi ftit.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tichad l-appell ta' Piu Attard u tikkonferma s-sentenza appellata hlief ghal dik il-parti fejn tirrigwarda l-piena u minflok li tikkundannah ghal piena ta' erbatax il-xahar prigunerija tikkundanna lil Piu Attard ghal piena ta' tlettax il-xahar prigunerija

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------